**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 245/2019 RM**

**Sylvana Brannon**

**-Vs-**

**Travis Leigh Brannon**

**Illum, 10 ta' Ottubru 2022**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikorsipprezentat mill-attrici Sylvana Brannon fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-24 ta' Ottubru 2019 fejn talbet lil din il-Qorti illi prevja dikjarazzjoni illi l-pubblikazzjoni mill-konvenut ta' kumment fuq midja soċjali u ċioe' fuq Facebook

Rat ir-Ris*post*a tal-konvenut Travis Leigh Brannon, ippreżentata fl-10 ta' Diċembru 2019, fejn ġie eċċepit :-

*« Illi t-talba tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda, bl-ispejjeż kontriha, u dan għas-segwenti raġunijiet:*

1. *Fl-ewwel lok, ma jeżisti l-ebda kumpens dovut fil-liġi taħt artikolu 30 u 46 tal-Kapitolu 581 tal-Liġijiet ta' Malta, għaliex dawn l-artikoli ma jeżistux. Tabilħaqq, l-uniku referenza għal artikoli b'dawn in-numru jinsabu fl-iskeda tal-Kapitolu 581 tal-Liġijiet ta' Malta, li hija riproduzzjoni tal- Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika, li l-leġittimu kuntradittur għal kwistjonijiet dwarha huwa l-iStat, u ċertament mhux l-intimat esponenti – dan apparti l-fatt illi kif jidher mill-artikolu 21 tal-Kapitolu 581 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikolu 30 (2) ma huwiex applikabbli għal Malta.*

2. *Fit-tieni lok, b'rabta mal-eċċezzjoni preċedenti, l-intimat esponenti ma huwiex il-leġittimu kuntradittur għal kwalunkwe ilment naxxenti mill-Kapitolu 581 tal-Liġijiet ta' Malta;*

3. *Fit-tielet lok, fil-post li tat lok għall-ilment, ir-rikorrenti ma hijiex ma hijiex identifikabbli, għajr jekk ma jissussistux l-elementi neċessarji legali biex jinstab li r-rikorrenti kienet filfatt identifikabbli;*

4. *Fir-raba' lok, ma hemmx l-element neċessarju biex tirnexxi kawża magħmula taħt il-Kapitolu 579 tal-Liġijiet ta' Malta; tabilħaqq, l-esponenti għandu jedd – garantit lilu mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, illi jesprimi ruħu billi jissenjala veritajiet sostanzjali dwar okkorrenzi importanti għalih personalment u għall-familja tiegħu u jagħti l-opinjoni onesta tiegħu dwar dan – ara fost l-oħrajn l-artikolu 4 (6) tal-Kapitolu 579 tal-Liġijiet ta' Malta;*

5. *Fil-ħames lok, il-kitba nniffisha tixhed li meta għamilha, l-esponenti raġonevolment emmen li l-pubblikazzjoni ta' dik l-istqarrija li sar l-ilment dwarha kienet ta' interess pubbliku, u dan kif irid l-artikolu 5 (1) (b) tal-Kapitolu 579 tal-Liġijiet ta' Malta, u meħuda l-kunsiderazzjonijiet bis-subartikolu (3) tal-istess artikolu tal-Liġi;*

6. *Fis-sitt lok, sussidjarjament, id-dikjarazzjoni lanjata hija protetta ai termini tal-artikolu 4 (1) u (2) tal-Kapitolu 579 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Qorti li t-tqanqil tagħha huwa meħtieġ għall-amministrazzjoni tal-ġustizzja b'mod xieraq, partikolarment fl-isfond taċ-ċirkostanzi bejn il-partijiet.*

Semghet ix-xhieda ;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha esebiti ;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ipprezentata mill-attrici fil-29 ta' Lulju, 2022;

Rat ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet ipprezentata mill-konvenut fil-15 ta' Settembru 2022;

Rat l-atti kollha ;

Ikkunsidrat ;

Illi l-attriċi qiegħda titlob, fil-paragrafu 6 tar-Rikors promotur, il-ħlas ta' kumpens għal danni morali a tenur tal-Artikolu 9 tal-Kapitolu 579, l-Att dwar il-Midja u l-Malafama, kif ukoll il-ħlas ta' kumpens a tenur tal-Artikolu 30 u taħt l-Artikolu 46 tal-Kap. 581 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Att dwar il-Vjolenza Abbażi ta' Ġeneru u Vjolenza Domestika.

Il-Qorti sejra tibda biex tindirizza t-talba li saret taħt l-Att dwar il-Vjolenza Abbażi ta' Ġeneru u Vjolenza Domestika: jirriżulta li dan l-Att fih biss wieħed u għoxrin artikolu u għalhekk, kif sewwa issenjala l-konvenut fir-Ris*post*a tiegħu, il-Qorti fehmet li r-referenza kellha tkun għall-Artikolu 30 tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika, iffirmata f'Istanbul, liema Konvenzjoni hija riprodotta fl-Iskeda għall-Att (Kap. 581) u hija eżegwibbli bħala parti mil-liġijiet ta' Malta.

Madanakollu, minn qari tal-imsemmi Artikolu 30 tal-Konvenzjoni, jirriżulta li dan ma joħloq u ma jagħti l-ebda dritt ta' azzjoni lill-vittma ta' vjolenza domestika direttament fil-konfront tal-allegat awtur tal-vjolenza. Għall-kuntrarju, din l-istipolazzjoni hija intiża biex torbot lill-Istat firmatarju bl-obbligazzjoni li jieħu miżuri leġislattivi jew oħrajn biex il-vittmi ta' vjolenza domestika ikollhom id-dritt jitolbu kumpens. Minn dan jikkonsegwi illi l-konvenut għandu raġun fit-tieni eċċezzjoni tiegħu għaliex huwa l-Istat il-leġittimu kontradittur ta' pretensjoni ta' dritt taħt il-Kapitolu 51 u mhux il-konvenut.

Dan ifisser ukoll li l-attriċi ma setgħetx tinvoka dan l-Artikolu bħala l-bażi legali għat-talba għall-ħlas ta' kumpens bħala vittma ta' vjolenza domestika: kellha tinvoka d-dispożizzjoni leġislattiva *ad hoc* introdotta bi twettiq tal-obbligu im*post* fuq l-Istat bl-imsemmi Artikolu 30 tal-Konvenzjoni, li tikkonferixxi lill-vittma l-jedd għall-ħlas ta' kumpens mingħand l-awtur tal-vjolenza domestika. Iżda fuq kollox, il-Qorti tosserva illi fl-Artikolu 30 u l-Artikolu 46 ukoll imsemmi mill-attriċi fir-Rikors, huwa evidenti li l-vjolenza domestika li l-Istat għandu jassigura li tagħti lok għal jedd għall-ħlas ta' kumpens, hija meqjusa bħala reat kriminali. Fil-fatt, iż-żewġ dispożizzjonijiet invokati mill-attriċi jirreferu għal "*reat*", "*l-awtur tar-reat*" u "*kundanna*" fost oħrajn, li jfisser

li l-kumpens mitlub mill-attriċi fir-Rikors promotur huwa kumpens marbut mat-twettiq ta' reat kriminali. Madanakollu, l-azzjoni li għandha quddiemha din il-Qorti, bħala qorti ta' ġurisdizzjoni ċivili, hija purament ta' indoli ċivili fejn ma jista' jsir ebda stħarriġ dwar il-ħtija o meno tal-konvenut għall-kommissjoni ta' reat kriminali.

F'kull każ, il-Qorti ma taqbilx mal-attriċi illi l-pubblikazzjoni da parti ta' żewġha ta' stqarrija malafamanti fil-konfront tagħha, tikkostitwixxi vjolenza domestika. Fil-Kapitolu 581 tal-Liġijiet ta' Malta, "*vjolenza domestika*" tfisser kull att jew ommissjoni li tinvolvi l-użu ta' vjolenza verbali, fiżika, sesswali, psikoloġika jew ekonomika li tirriżulta fi ħsara jew tbatija fiżika u, jew morali, inkluż it-theddid ta' dak l-att jew ommissjoni, sfurzar, jew iċ-ċaħda arbitrarja tal-libertà, li sseħħ fi ħdan familja jew unità domestika, kemm jekk l-awtur tar-reat jgħix jew kien jgħix fl-istess residenza mal-vittma jew le, u għandha tinkludi wkoll tfal li jkunu xhud ta' vjolenza fi ħdan il-familja jew unità domestika. Għalkemm l-attriċi tikkontendi li l-pubblikazzjoni impunjata hija manifestazzjoni tal-azzjonijiet psikoloġikament vjolenti u kontinwi da parti tal-konvenut fil-konfront tagħha u b'hekk issarraf fi vjolenza psikoloġika li kkawżatilha ħsara u tbatija mentali, hu evidenti illi l-mertu ta' dan il-każ jitratta l-pubblikazzjoni fuq Facebook mill-konvenut ta' stqarrija allegatament malafamanti fil-konfront tal-attriċi u mhux l-allegat vjolenza domestika. Kemm hu hekk, fix-xhieda tagħha l-attriċi indirizzat il-pubblikazzjoni impunjata biss u ma għamlet l-ebda referenza għal episodji u inċidenti oħrajn ta' vjolenza domestika u ma ressqet l-ebda provi dwar l-imsemmija azzjonijiet psikoloġikament vjolenti u kontinwi da parti tal-konvenut.

Konformement, il-Qorti tqis illi l-azzjoni odjerna in kwantu bbażata fuq kawżali ta' vjolenza domestika u kumpens għad-danni sofferti minħabba vjolenza domestika, kif im*post*ata ma tista' qatt tirnexxi u sejra titqies unikament bħala waħda ta' libell taħt l-Artikolu 3 tal-Kap. 579.

Ikkunsidrat;

Il-konvenut, Travis Leigh Brannon, ippubblika s-segwenti stqarrija fuq il-profil tal-Facebook ta' Andrew Borg-Cardona fit-23 ta' Settembru 2019:-

"Andrew I am a foreign national living in Malta. My children are mixed nationality by virtue of their Maltese mother. She was abusing them and exposing them to a corrupting lifestyle. I sued for immediate care and custody when I leaned of this trashy behavior. I was granted care and custody by way of an emergency decree issued by the Maltese court. 6 weeks after the fact, their mother, raised in a staunch Labour family (her father was Lori Sant's bodyguard for over a decade), entered into a sexual relationship with a low level, obsequious and synchophantic member of the Nationalist Party. It was then that politically affiliated cops and social workers started lying on her behalf in court. The situation was so bad I had to contact the Canadian government for protection from the corrupt brutalities of this abysmal shithole. The case is still ongoing and the Canadian government is monitoring the outcome in the event we have to sue the Maltese state as accomplices in the abuse of Canadian children. To say this place is bad and totally immoral is a massive understatement. As an aside, Daphne knew about my case and I corresponded with her about it about 8 weeks before her assassination".

Jirriżulta illi dan il-*post* ġie pubblikat mill-konvenut fil-kuntest u in segwitu għal *post* ta' Andrew Borg-Cardona b'*link* għal filmat fuq youtube.com fejn Malta ġiet deskritta b'mod ironiku bħala l-ġawhra tal-Mediterran għall-korruzzjoni. Evidentement, il-konvenut jittenta jorbot din it-tema ta' korruzzjoni f'Malta mas-sitwazzjoni personali tiegħu bħala ċittadin barrani li jgħix Malta, billi jakkuża lill-attriċi, omm uliedu, li kienet tabbuża lil uliedhom u tikkorrompihom billi tesponihom għal stil ta' ħajja deġenerata. Jgħid illi rinfaċċjat b'din l-imġieba tal-attriċi, li minnha jinsab legalment separat, huwa minnufih talab u kiseb l-affidament b'urġenza tal-kura u kustodja ta' wliedu minuri bis-saħħa ta' digriet tal-qorti. Jirrileva wkoll f'din l-istqarrija pubblika li tella' fuq Facebook, il-fatt li l-attriċi kellha relazzjoni sesswali ma' persuna fil-politika u jorbot din ir-relazzjoni ma' manuvri li bdew isiru fi proċeduri ġudizzjarji istitwiti mill-attriċi biex tirbaħ lura l-kura u kustodja tal-ulied tal-partijiet, fejn jakkuża lil uffiċjali tal-

Pulizija u ħaddiema soċjali li gidbu quddiem il-qorti biex jiffavorixxu lill-istess attriċi. Sostna li dan kollu jsarraf f'abbuż ta' tfal Kanadiżi bil-kompliċita' tal-Istat Malti.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti tibda biex tosserva li għall-proponibbilita' tal-azzjoni għal malafama jeħtieġ li jkun hemm xi inferenza li torbot lill-persuna aggravata mal-istqarrija impunjata għaliex jekk il-persuna aggravata m'hijiex identifikata fil-pubblikazzjoni, ma tistax titqies li sofriet ħsara lir-reputazzjoni tagħha u li ġiet malafamata b'effett ta' dik il-pubblikazzjoni.

Collins, fir-rigward tal-kunċett tal-identifikazzjoni tal-persuna aggravata fil-pubblikazzjoni, jgħid hekk:-

"***A statement can identify a person even though the person is not referred to by name, if it contains material which would lead people acquainted with the person to believe that the or she was the person referred to***. *Any damages award in such a case needs to take into account that not every person to whom the statement was published will necessarily have understood it to be of and concerning the claimant."*[1]

U:-
"*The test is whether there is 'something in the defamatory manner or in the circumstances in which it is published, which indicates, and enables a jury to find, that particular individuals are defamed, although they are not named.*"[2]

Fid-deċiżjoni fil-każ ta' **MDA Marine Design Associates Ltd v. British Columbia Ferry Services Inc.**[3], intqal hekk minn Fenlon J:-

[1] *Collins on Defamation* (2014 Ed.), Matthew Collins QC. 5.08, p. 107. Emfasi tal-Qorti.
[2] **Knupffer v. London Express Newspaper Ltd** (1944) AC 116 (HL), p. 119-121.
[3] 2008 BCSC 1432 (para. 20).

"*A plaintiff may be identified even though he is not mentioned by name, where a reference is made to something over which he exercises control or for which he has some responsibility.*"

Il-konvenut jeċċepixxi li l-attriċi m'hijiex identifikata fil-pubblikazzjoni impunjata. Iżda applikat dan l-insenjament għall-pubblikazzjonijiet in diżamina, il-Qorti ma taqbilx u hija tal-fehma illi l-pubblikazzjoni impunjata hija evidentement dwar u jikkonċerna lil ħadd ħlied l-attriċi, għaliex mill-provi hu stabbilit li l-attriċi u l-attriċi biss, hija l-omm Maltija ta' ulied il-konvenut ("*My children are mixed nationality by virtue of their Maltese mother*").

Ma jirriżultax mill-provi li l-konvenut għandu tfal mingħand mara oħra Maltija u anke kieku dan kien il-każ, l-istqarrijiet li saru fil-pubblikazzjoni impunjata kienu jkunu kapaċi jidentifikaw liż-żewġ ommijiet indiskriminatament. In propositu, tajjeb li ssir referenza għad-deċiżjoni tal-Qorti Suprema (South Australia) fil-każ **Pryke v Advertiser Newspapers Ltd**[4], fejn ġie ritenut illi f'żewġ artikoli malafamanti dwar "*the commissioners of the Industrial Relations Commission"* (South Australia), l-erba' kummissarji lkoll kienu raġjonevolment identifikati, minkejja li l-kummissarji partikolari li dwarhom l-artikoli kienu jittrattaw, ma kienux identifikati b'isimhom[5].

Għaldaqstant, il-Qorti tqis li l-attriċi hija identifikata kjarament fil-pubblikazzjoni impunjata, li jfisser li t-tielet eċċezzjoni tal-konvenut mhux f'lokha.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti tibda biex tosserva illi jekk il-konvenut kellu xi suspetti dwar l-aġir ta' uffiċjali tal-Pulizija u ta' ħaddiema soċjali li kienu involuti b'xi mod fil-proċeduri ġudizzjarji

---

[4] (1984) 37 SASR 175.

[5] Ara wkoll sentenza iktar reċenti tal-Qorti Suprema fil-każ **Christiansen v Fairfax Media Publications Pty Ltd** [2012] NSWSC 1258, fejn il-Qorti sabet li artikolu f'ġurnal li ppubblika stqarrijiet malafamanti dwar il-managers ta' casino, kelli jitqies bħala diffamatorju fil-konfront tal-managers <u>kollha</u>, għaliex l-istqarrijiet ħolqu suspetti dwarhom ilkoll.

dwar l-affidament tal-kura u kustodja ta' uliedu minuri, messu irkorra - kif effettivament ingħata parir li jagħmel - għall-awtoritajiet kompetenti li jirċievu rapporti bħal dawn: il-midja soċjali ċertament ma kienx u ma huwiex il-forum xieraq biex jiġu ventilati lmenti bħal dawn.

Il-Qorti tqis ukoll – u bla tlaqliq tgħid - illi anke jekk għal mument il-konvenut kellu jedd jesprimi b'mod pubbliku l-frustrazzjoni, rabja u tħassib tiegħu minħabba allegat favoritiżmu u korruzzjoni fl-investigazzjoni tal-każ mill-Pulizija u fit-tħejjija tar-rapport relattiv tal-Aġenzija Appoġġ b'rabta mal-kwistjoni tal-kura u kustodja ta' uliedu, il-pubblikazzjoni ma baqgħetx waħda leġittima he**kk kif il-konvenut allega li dawn l-illegalitajiet kienu marbuta ma' xi aġir kriminuż da parti ta' martu mingħajr iżda, ma pprovda ebda sostenn fattwali lill-allegazzjoni li martu kkorrompiet xi uffiċjal tal-Pulizija u jew lil ħaddiema soċjali tal-Aġenzija Appoġġ biex jigdbu quddiem il-qorti taħt ġurament fil-kawza dwar il-kura u kustodja ta' wlied minuri tal-partijiet**.

Il-Qorti hawnhekk tosserva li l-konvenut ma llimitax il-pubblikazzjoni lanjata għal **suspett** ibbażat fuq xi allegazzjoni ta' fatt, dwar xi aġir ta' martu fil-konfront ta' uliedhom jew b'rabta mal-proċeduri ġudizzjarji li jikkonċernaw lill-istess ulied. **L-imputazzjonijiet inekwivoċi li jwassal il-konvenut fil-pubblikazzjoni in diżamina huma li martu l-attriċi hija ħatja li tgħix stil ta' ħajja żieni, li effettivament abbużat lil uliedha u kkorrompiethom u li kkorrompiet ukoll periti tal-Qorti u uffiċjali pubbliċi biex timmanipola proċeduri ġudizzjarji favur tagħha**. Hu evidenti li l-imputazzjonijiet ġew imfasslin b'mod inekwivoku li ma jħalli ebda lok għall-użu ta' proċess ta' interpretazzjoni, ta' inferenzi u ta' raġunament da parti tal-qarrej, tant illi l-qarrej ma jistax ħlief jasal għall-konklużjoni inevitabbli li **l-attriċi m'hijiex sempliċement suspettata, iżda effettivament imxiet, bil-mod addebitat**.

Hawnhekk il-Qorti trid tissenjala li hija ma taqbilx mal-attriċi li l-pubblikazzjoni impunjata tnissel imputazzjoni li hija responsabbli għall-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia. Huwa minnu li l-konvenut iddikjara fil-pubblikazzjoni impunjata illi huwa

kien ikkorrisponda ma' Daphne Caruana Galizia dwar il-każ tiegħu ftit taż-żmien biss qabel ġiet maqtula, iżda l-Qorti fehmet li din l-istqarrija saret b'rabta mal-dikjarazzjoni tal-konvenut dwar l-estremi ta' korruzzjoni f'Malta fejn kien qed iqis lill-Istat Malti bħala kompliċi fl-abbuż ta' uliedu. Il-Qorti ma rriskontrat xejn li ġġiegħelha temmen li mill-pubblikazzjoni tinsilet imputazzjoni li l-attriċi hija responsabbli għall-qtil tagħha – imputazzjoni bħal din lanqas tinftiehem bl-ebda tiġbdid tal-immaġinazzjoni.

Ikkunsidrat;

Illi dan stabbilit, il-Qorti trid tgħaddi biex tistharreġ jekk l-imputazzjonijiet imnisslin mill-pubblikazzjoni humiex kapaċi li jitqiesu bħala diffamatorji għall-finijiet tal-Artikolu 3(4) tal-Att[6]. Din id-dispozizzjoni tistipola illi stqarrijiet m'humiex diffamatorji sakemm ma jikkawżawx ħsara serja jew ikunu jistgħu jikkawżaw ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna jew persuni speċifiċi li jagħmlu t-talba. Dan ir-rekwizit ta' ħsara serja jew potenzjal ta' ħsara serja, introdott għall-ewwel darba permezz tal-ligi l-gdida fil-Kap. 579, jistabbilixxi *threshold* ferm iktar oneruz u impen-jattiv ghas-success ta' azzjonijiet ghal malafama, milli dak li kien rikjest taht il-Ligi tal-Istampa, Kapitolu 248[7].

Konformement, dak li għandu jiġi kkunsidrat għall-fini li jigi stabbilit jekk dan il-kri-terju huwiex milħuq fil-każ partikolari, huwa jekk l-istqarrijiet impunjati ikkaġunawx ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna li tressaq l-azzjoni tal-libell, jew jekk fihomx il-propensita` li jirrekaw ħsara serja lir-reputazzjoni tagħha fil-futur. Dan l-effett huwa riskontrabbli jekk fil-każ partikolari, l-istqarrija impunjata tolqot ħażin u b'mod gravi u serju l-attitudni ta' persuni oħrajn fil-konfront tas-soġġett tal-malafama, b'mod li tik-kaġuna jew hi kapaċi tikkaġuna imminentement, ħsara serja lir-reputazzjoni tagħha.

[6] Att XI tal-2018 - Kapitolu 579 tal-Ligijiet ta' Malta.

[7] Fi kliem Collins [On Defamation, 2014 Ed. Page 128 6.56.], din ir-regola: *"… operates solely as a threshold for preventing or stopping defamation actions where the claimant cannot demonstrate that he or she has suffered or is likely to suffer, serious reputational harm or, in the case of a body that trades for profit, serious financial loss."*

Fil-fehma tal-Qorti, l-allegazzjonijiet magħmula mill-konvenut fl-istqarrija tiegħu huma inerentement gravi, u kwalunkwe persuna ordinarja u raġjonevoli ("*an ordinary, reasonable person*") tkun kapaċi tifhem li l-attriċi mhux biss hija persuna irresponsabbli, ta' valuri morali baxxi, mhux idonea għall-affidament tal-kura u kustodja ta' uliedha iżda hija wkoll ħatja li kkorrompiet jew hija kompliċi fil-korruzzjoni ta' uffiċjali pubbliċi u periti tal-Qorti.

Jingħad illi l-imputazzjoni, b'mod ġenerali, li mara li m'hijiex omm tajba u responsabbli, m'hijiex necessarjament diffamatorju. **Madanakollu, billi dawn l-imputazzjonijiet saru mill-konvenut waqt li jinsabu pendenti l-proċeduri ġudizzjarji istitwiti mill-attriċi ghall-affidament tal-kura u kustodja ta' ulied il-partijiet, il-Qorti tqis illi dawn l-imputazzjonijiet huma diffamatorji fil-konfront tal-attrici**. Wiehed ma jridx jinsa li fil-kawża minnha istitwita quddiem il-Qorti Ċivili [Sezzjoni tal-Familja], huwa kruċjali għall-attriċi li titqies li hija omm idonea, affidabbli u responsabbli li jistħoqqilha tiġi fdata bil-kura u kustodja ta' u teżerċita aċċess għal ulieda minuri[8].

Il-Qorti tqis li l-element diffamatorju kif ukoll is-serjeta` tal-hsara lir-reputazzjoni tal-attrici, jinsabu sewwasew fil-fatt li l-istqarrijiet tal-konvenut jimputaw lill-attrici kondotta ħażina, mhux etika u addirittura kriminali. Kwantu speċifikatament l-imputazzjoni li l-attriċi użat ir-rabitet tagħha fil-politika biex jiġu korrotti uffiċjali pubbliċi u periti ġudizzjarji ħalli tikseb xi vantaġġ fi proċeduri ġudizzjarji - anke lil hinn mill-kuntest tal-kawża dwar il-kura u kustodja ta' uliedha - ma tistax titqies ħlief bhala imputazzjoni ferm inġurjuża għar-reputazzjoni taghha. Imputazzjoni bħal din hija kapaċi tipproduċi riperkussjonijiet serji ferm ghall-attrici mhux biss ghar-reputazzjoni taghha u fil-proceduri ġudizzjarji minnha istitwiti biex terga' tikseb l-affidament tal-kura u kustodja ta' uliedha, izda wkoll għaliex il-korruzzjoni ta' uffiċjali pubbliċi huwa reat kriminali punibbli bi priġunerija[9].

---

[8] *Multo magis* wara li tnaqqas l-aċċess tagħha għal uliedha minħabba tabilħaqq allegazzjoni li ritratti pornografici li tidher fihom, intwerew lill-istess uliedha.

[9] Ara Sub-Titolu IV "*Fuq l-Abbuż tal-Awtorita' Pubblika*" (Titolu III, Taqsima II), Art. 112 *et seq*. partikolarment, Art. 120 tal-Kodiċi Kriminali.

Hu ġeneralment aċċettat fil-gurisprudenza tal-qrati Inglizi kif ukoll lokali, illi imputazzjoni li l-persuna aggravata kien jew seta' kien possibbilment involut sa certu grad, f'attivita` jew att kriminali jew, fi kliem Collins[10], imputazzjoni li minhabba f'xi kondotta partikolari, il-persuna aggravata huwa "*dishonest or a fraud, a hypocrite, dishonourable, immoral, or actuated by some improper motive, insolvent or unwilling to pay debts or incompetent or otherwise unfit for some role.*", huma kkunsidrati bhala diffamatorji.

In propositu inghad[11]:-

"*Most obviously however, statements that impute that the claimant has or may have been involved on some degree in a criminal act will almost invariably satisfy the test. Other common examples include imputations that, by reason of some conduct, the claimant is dishonest or a fraud, a hypocrite, dishonourable, immoral, or actuated by some improper motive ... or incompetent or otherwise unfit for some role.*"[12]

Il-konvenut żgur li ma jistax jikkampa l-pubblikazzjoni tiegħu safejn tikkonċerna l-ħajja privata ta' martu l-attriċi u r-relazzjonijiet intimi tagħha ma' terzi persuni u kif dawn laqtu negattivament lil uliedu jew il-proċeduri ġudizzjarji pendenti bejniethom, fuq xi aspett tal-jedd għal-liberta' tal-espressjoni. Wara kollox, l-attriċi hija persuna privata u konsegwentement għandha, raġjonevolment, aspettattiva leġittima għal privatezza. Ma jirriżultax illi l-attriċi, apparti li m'hijiex persuna pubblika, hija attiva fil-ħajja pubblika jew qanqlet xi dibattitu popolari dwar xi fehmiet tagħha dwar valuri soċjali, u lanqas hemm xi prova li fittxet hija stess xi forma ta' pubbliċita' - f'liema każ għandha tistenna xi qies ta' kritika u skrutinju pubbliku[13].

---

[10] *Supra* 6.10 p. 117.

[11] Collins, *supra* 6.10, p.117.

[12] Il-Gatley jghid:- "*It is defamatory to impute that a person is unfit for his profession or calling owing to a want of ability, mental stability, learning or some other necessary qualification, or that he has been guilty of any dishonest or disreputable conduct or any misconduct or inefficiency therein. This applies to any profession or calling, however humble, so long as it is not illegal.*" - *supra* 2.38, p. 82.

[13] Vide **Wirtschafts-Trend Zeitschriften-Verlagsgesellschaft m.b.H v. Austria** (No. 3).

Il-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ ċelebri in materja **Von Hannover v. Germany** riteniet li fost il-kriterji li għandhom jiġu kkunsidrati fit-tfittxija għal bilanċ bejn id-dritt għall-godiment ta' privatezza tal-ħajja u l-familja li minnu l-protezzjoni tar-reputazzjoni tal-individwu tifforma parti integrali, u l-jedd għal-liberta' tal-espressjoni, insibu: "*contribution to a debate of general interest; how well-known the person concerned is and the subject of the report; prior conduct of the person concerned; content, form and consequences of the publication ...*"[14]

Applikat dan għall-istqarrijiet speċifiċi tal-konvenut fil-pubblikazzjoni impunjata, stqarrijiet li jaddebitaw lill-attriċi pubblikament li hija abbużat minn uliedha, li tgħix stil ta' ħajja żieni u ġġib ruħha b'mod immorali u baxx, tant illi tintrattjeni relazzjonijiet sesswali ma' persuni politiċi biex tinfluwixxi fuq uffiċjali tal-pulizija u *social workers* biex jigdbu taħt ġurament fi proċeduri ġudizzjarji[15], u biex tittratta l-eċċezzjoni tal-konvenut li dawn l-istqarrijiet jikkostitwixxu pubblikazzjoni dwar materja ta' interess pubbliku, m'hemmx wisq ekwivoku li dawn l-istqarrijiet mhux biss ma fihom ebda valur ta' interess ġenerali iżda la għandhom x'jaqsmu mal-isfera politiku jew pubbliku u effettivament, ma lanqas m'għandhom x'jaqsmu ma' materja li kienet qed tiġi dibattuta fuq il-profil fuq Facebook ta' Andrew Borg Cardona.

Mhux hekk biss iżda l-Qorti tqis li sija fl-assjem tagħhom u kif ukoll individwalment, dawn l-istqarrijiet tal-konvenut jikkostitwixxu abbuż manifest tal-jedd tal-liberta' tal-espressjoni kif ukoll trasgressjoni flagranti tad-dritt ta' privatezza tal-attriċi. Kif stabbilit, il-ħajja privata tal-attriċi m'hijiex materja li huwa ta' interess pubbliku, **lanqas jekk din titqiegħed fl-isfond tal-kultura ta' korruzzjoni li skont il-konvenut, tant**

---

[14] Para. 108 sa 113. Tarlach McGonagle - *Freedom of Expression and Defamation: A study of the case-law of the European Court of Human Rights,* 2016 (p. 38).

[15] Il-fatt li jista' jkun li l-attriċi kienet fil-kumpannija tar-raġel li miegħu kellha relazzjoni intima dak iż-żmien fil-presenza ta' uliedha bi ksur tad-digriet tal-Qorti tat-8 ta' Ġunju 2017 (Dok. C), fejn iż-żewġ partijiet kienu ordnati biex ma jesponux lill-minuri għal partners rispettivi tagħhom ma jfissirx li hija kkorrompierthom jew abbużathom.

**hija prevalenti f'Malta li infiltrat u niġġset ukoll il-proċeduri ġudizzjarji fejn il-partijiet qegħdin jissieltu għall-kura u kustodja ta' uliedhom**.

Il-Qorti ma hija xejn affattu konvinta li l-imputazzjonijiet li l-konvenut indirizza direttament fil-konfront tal-attriċi huma ġustifikabbli taħt il-kappa ta' materja ta' interess pubbliku. Il-ħajja privata ta' persuna privata, bħalma hija indubbjament l-attriċi, ma tistax titpoġġa taħt skrutinju pubbliku taħt il-pretest ta' materja ta' interess pubbliku sempliċement ghaliex il-pubblikatur jorbot il-ħajja privata ta' dik il-persuna u l-allegazzjonijiet ta' korruzzjoni u abbuż ta' tfal, mal-kultura ta' korruzzjoni fil-pajjiż biex b'hekk jittenta jsawwar jew iqajjem dibatittu dwar materja ta' interess pubbliku. **Hu ovvju li l-konvenut għamel dan biss biex jikseb pjattaforma għall-ventilazzjoni tat-teorji tiegħu u biex jikkaġuna ħsara lir-reputazzjoni tal-attriċi**: dan kollu billi ippubblika allegazzjonijiet gravi li l-effett tagħhom ma jista' jkun xejn ħlief ta' ħsara serja lill-ġieħ u stima tal-attriċi f'għajnejn firxa bla qies ta' qarrejja ta' midja soċjali fejn kull min jaf lill-konvenut, jaf ukoll għal min kien qed jirreferi bid-dikjarazzjonijiet tiegħu dwar l-omm Maltija ta' uliedu.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, huma l-oqsma tal-amministrazzjoni tal-gvern, kondotta politika u involviment f'reati serji, li għandhom jitqiesu li huma materji ta' interess pubbliku, u **mhux materji dwar il-ħajja ta' persuni privati**.

Ġie ritenut li materja tkun ta' interess pubbliku:

"*if it was 'such as to affect people at large, that they may be legitimately interested in, or concerned at, what is going on; or what may happen to them or to others*."[16]

Ukoll:

[16] Collins, *supra*, 9.86, p. 213.

"*... if it concerned the conduct of any person that inherently, expressly or inferentially invited public criticism or discussion.*"[17]

Gatley jelenka serje ta' materji li skont diversi deċiżjonijiet tal-qrati in tema tal-kunċett tal-interess pubbliku, ġew meqjusa bħala ta' interess pubbliku:-

*"... the business of government and political conduct; ... the fair and proper administration of justice; ... the conduct of the police; cheating, corruption ... involvement in serious crimes; corporate malpractice; ...*"[18]

Għandu jiġi senjalat ukoll li hemm każijiet fejn minn perspettiva wiesa', is-soġġett ġenerali ta' pubblikazzjoni ikun ta' interess pubbliku ġenerali iżda l-istqarrija speċifika taħt skrutinju ma tkunx tifforma parti minn dan is-soġġett ta' interess ġenerali jew ma tagħti l-ebda kontribut għall-materja ta' interess pubbliku, bir-riżultat li d-difiża taħt l-Artikolu 5 ma ssibx riskontru in kwantu l-kontenut kollu tal-pubblikazzjoni. Jeħtieġ f'kull każ illi jiġi determinat jekk huwiex raġjonevoli li l-istqarrija speċifika impunjata titqies bħala parti mill-materja li hija ta' interess pubbliku u hawnhekk jidħol l-element tal-ġudizzju editorjali tal-pubblikatur (*editorial judgement*), kunċett li ġie introdott mill-House of Lords fid-deċiżjoni fil-każ **Flood v Times Newspapers Limited** (2012):-

"*although the question of whether the story as a whole as a matter of public interest must be determined by the court, the question of whether defamatory details should have been included is often a matter of how the story should have been presented.* "[19]

Fid-deċiżjoni **Jameel (Mohammed) v Wall Street Journal Europe**, ġie ritenut hekk minn Lord Hoffmann:

---

[17] **John Fairfax Publications Pty Ltd. V. Hitchcock** (2007) NSWCA 364 70 NSWLR 484 para. 143.
[18] *Supra*, 15.6, p. 645, 646.
[19] Per Lord Dyson – Gatley 15.7 ("*Inclusion of the material complained of*") p. 647.

"*The fact that the material was of public interest does not allow the newspaper to drag in damaging allegations which serve no public purpose. They must be part of the story. And the more serious the allegation, the more important it is that is should make a real contribution to the public interest element in the article.*"[20]

Dan qed jingħad għaliex il-fatt li l-persuna aggravata tiġi identifikata f'pubblikazzjoni dwar materja ta' interess pubbliku, mhux dejjem din il-pubblikazzjoni tista' titqies li tkun saret għall-fini ta' interess pubbliku, partikolarment meta l-persuna aggravata m'hijiex persuna pubblika[21].

Għaldaqstant, il-ħames eċċezzjoni, abbażi tal-Artikolu 5 tal-Kap. 579, ma tistax tiġi milqugħa.

Ikkunsidrat;

Illi l-konvenut jinvoka l-eċċezzjoni tal-verita' u tal-opinjoni onesta a tenur tal-Artikolu 4(1) u (2) tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama. Mingħajr tlaqliq il-Qorti tqis li din id-difiza m'hijiex applikabbli għall-pubblikazzjoni impunjata mill-attriċi. Ibda biex id-difiża in diżamina hija applikabbli biss meta l-persuna aggravata hija persuna pubblika, kif imfisser fil-paragrafi (a) sa (e) tas-subartikolu (5) tal-imsemmi Artikolu 4: madanakollu, l-attriċi, bħala l-persuna li fil-konfront tagħha saru l-imputazzjonijiet identifikati iktar qabel, ma tiffigurax fid-definizzjoni bħala persuna pubblika għall-fini ta' din id-difiża. Inoltre, filwaqt li kif diġa' ġie stabbilit, il-materja mqajma mill-konvenut fil-pubblikazzjoni tiegħu ma hijiex waħda ta' interess pubbliku ġenerali, huwa baqa' ma ressaq l-ebda prova konvinċenti li t-tqanqil ta' din id-difiża fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ huwa b'xi mod meħtieġ għall-amministrazzjoni tal-ġustizzja b'mod xieraq.

---

[20] SPRL (2006), UKHL 44 A.C. 359.

[21] Fid-deċiżjoni fil-każ **Jameel v. Wall Street Journal Europe Sprl**, ġie ritenut minn Lord Hoffman li l-pubblikazzjoni sħiħa ma għandhiex titqies bħala waħda dwar materja ta' interess pubbliku jekk l-istqarrija impunjata twassal imputazzjoni serja li ma tagħmel l-ebda kontribut reali lill-element ta' interess pubbliku tal-artikolu – UKHL 44 (2007) 1 AC 359.

Stabbilit dan u b'referenza speċifika għad-dikjarazzjoni tal-konvenut fir-raba' paragrafu tar-Risposta tiegħu fejn saħaq li bl-istqarrijiet impunjati huwa kien qed jeżerċita l-jedd fondamentali tiegħu "*illi jesprimi ruħu billi jissenjala veritajiet sostanzjali dwar okkorrenzi importanti għalih personalment u għall-familja tiegħu*", il-Qorti ma tistax tonqos milli tosserva illi bl-applikazzjoni tal-proviso tas-subartikolu (5) tal-Artikolu 4, il-konvenut f'din l-azzjoni għal malafama huwa espressament prekluż milli jindaga dwar il-verità dwar il-materji li huma fil-mertu tal-imputazzjonijiet li jitnisslu mill-pubblikazzjoni, stante illi dawn il-materji jirreferu inerentement għall-ħajja privata tal-attriċi u tal-familja tagħha.

Dan kollu magħdud ifisser li mhux apert lill-konvenut jiddefendi l-istqarrijiet malafamanti bħala l-opinjoni onesta tiegħu jew bħala l-verita'.

Ikkunsidrat;

Fis-smigħ tal-kawża kif ukoll fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, il-konvenut ressaq ħafna dokument u għamel ħafna emfasi fuq il-kwistjoni ta' *revenge porn* u jisħaq illi mhux minnu li l-attriċi kienet il-vittma ta' *revenge porn* tant illi hija kellha aċċess għal u kontroll ta' profil pornografiku. Iżda jibqa' l-fatt illi l-pubblikazzjoni impunjata ma tagħmel l-ebda referenza kwalsiasi għal xi materjal pornografiku. Għalhekk, huma irrelevanti s-sottomissjonijiet li saru għan-nom tal-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet dwar jekk l-attriċi kienet effettivament il-vittma ta' *revenge porn* jew le.

Iżda fl-istess waqt, huwa skjaċċanti kif il-konvenut, filwaqt li għamel ħafna emfasi fix-xhieda tiegħu u fis-sottomissjonijiet finali, fuq il-kwistjoni ta' revenge porn u fuq il-kontribut ta' martu fuq dan il-profil pornografiku fuq Facebook, naqas kompletament milli jagħmel referenza speċifika għall-materja tar-ritratti pornografiċi, mertu tar-rikors tiegħu tad-9 ta' Ġunju 2016 quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja), biex forsi jfisser kif fil-fehma tiegħu, martu esponiet deliberatament jew negliġentement lil ulieda minuri għal materjal indeċenti jew oxxen tagħha nnifisha.

Il-Qorti rat il-provi, fosthom id-dokumenti voluminużi iżda ftit relevanti, prodotti mill-konvenut, u tqis illi anke jekk jista' jkun minnu li bħala fatt, l-attriċi setgħet ippubblikat ritratti pornografiċi tagħha nnifisha fuq profil tal-Facebook[22], jew kellha aċċess għal dan il-profil, ma nġiebet l-ebda prova li hija identifikabbli f'dawn ir-ritratti jew li dawn ir-ritratti juru lill-attriċi. Il-konvenut naqas milli juri li l-attriċi effettivament uriet dawn ir-ritratti lil uliedha u b'hekk, skont kif iddikjara l-konvenut fil-pubblikazzjoni impunjata, esponiethom għal xi immoralita' jew abbuż. Fuq kollox, il-provi li ressaq il-konvenut xejn affattu ma jikkonvinċu lill-Qorti li ulied l-attriċi effettivament raw jew skoprew aċċidentalment xi ritratti oxxeni ta' ommhom u jew ta' Conrad Bajada u m'hemm xejn fl-atti proċesswali li juri li t-tfal minuri tal-partijiet saru jafu b'dawn ir-ritratti bir-rieda jew minħabba negliġenza tal-attriċi.

Għall-kuntrarju, mill-kumpless tal-provi, il-Qorti fehmet illi jekk kien hemm xi ħadd li wera xi ritratti oxxeni jew pornografiċi lil ulied il-partijiet jew qalilhom bl-eżistenza ta' dawn ir-ritratti, din il-persuna żgur ma kienetx l-attriċi iżda kienet bla dubju persuna li riedet tagħmel ħsara irreparabbli lill-istess attriċi u lil uliehda u speċifikatament ukoll lir-relazzjoni tagħha ma' uliedha. Hawnhekk tassumi importanza fondamentali d-digriet mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-8 ta' Ġunju 2017 fejn dik il-Qorti ddikjarat li l-konvenut Travis Brannon immanipola u abbuża mill-proċess ġudizzjarju u żvijaha deliberatament meta fir-rikors tiegħu tad-9 ta' Ġunju 2016 - li bih kien talab li l-attriċi tiġi ma tibqax tiġi fdata bil-kura u kustodja tal-ulied minuri tal-partijiet[23] - kien saħaq li l-minuri kienu sabu huma stess portafoll b'ritratti oxxeni ta' ommhom. Din il-konklużjoni l-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) waslet għaliha, għad illi fuq bażi *prima facie*, għaliex mill-provi li tressqu quddiemha rriżulta li kien l-imsemmi Conrad Bajada li kien għadda dawn ir-ritratti lill-konvenut u dan bl-iskop speċifiku li dawn jintużaw minnu fil-qorti biex jipprova jneħħi lill-minuri mill-kura u kustodja tal-attriċi[24].

---

[22] Sammielou.

[23] Rikors tad-9 ta' Ġunju 2016 ippreżentat fl-atti tal-medjazzjoni 865/16.

[24] Għall-Qorti, kienx Konrad Bajada jew Ingrid Anastasi li bagħtu dawn ir-ritratti lill-konvenut, huwa immaterjali għaliex dan mhux mertu ta' din il-kawża.

**Din il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax li fid-dikjarazzjoni li huwa ppubblika fuq Facebook fit-23 ta' Settembru 2019 u lanqas fil-provi li ressaq fl-atti proċesswali, il-konvenut ma semma assolutament xejn minn dan l-iżvilupp determinanti fil-qofol tal-kwistjoni li tat lok għall-battalja għall-kura u kustodja ta' uliedu. Għall-kuntrarju, fil-pubblikazzjoni impunjata, il-konvenut baqa' jakkuża lill-attriċi – din id-darba pubblikament - li abbużat lil uliedhom u esponiethom għal stil ta' ħajja immorali u baxx u jirreferi unikament għall-eżitu tad-digriet dwar il-kura u kustodja ta' wliedu li huwa kien ottjena abbażi tad-dikjarazzjoni qarrieqa tiegħu dwar ir-ritratti pornografiċi.** Digriet li l-konvenut, meta ppubblika l-istqarrijiet malafamanti tiegħu, kien diġa' jaf li ma kienx għadu fis-seħħ għaliex ġie mxejjen mid-digriet tat-8 ta' Ġunju 2017, kif ukoll ġie kontradett minn Andreana Gellel fir-rapport li hija sottomettiet lill-Qorti fit-2 ta' Mejju 2017 (Dok. B)[25] fejn hija tat x'tifhem li kien il-konvenut innifsu li għarraf lill-minuri dwar l-eżistenza ta' ritratti pornografiċi ta' ommhom u wkoll immanipolahom kontra ommhom. Minflok, il-konvenut jallega li l-imsemmija *social worker* gidbet biex tiffavorixxi l-attriċi għaliex ġiet korrotta.

Barra dan kollu, il-Qorti tosserva li mkien fil-provi li ressaq il-konvenut f'din il-kawża ma jirriżulta xi fatt li jservi biex jagħti xi sostenn fattwali lid-dikjarazzjoni tal-konvenut li l-attriċi abbużat jew ikkorrompiet lil ulieda jew esponiethom għal xi immoralita' jew indeċenza, wisq inqas xi prova li l-istess attriċi jew terza persuna li magħha kellha relazzjoni intima, ikkorrompew uffiċjali tal-pulizija jew ħaddiema soċjali biex jigdbu għaliha quddiem il-qorti fi proċeduri ġudizzjarji. Kif diġa' stabbilit, dawn huma allegazzjonijiet ferm gravi li l-konvenut jidher li għamel bl-iktar mod gratuwitu u mingħajr ebda bażi fattwali kwalsiasi.

Għall-Qorti huwa evidenti mill-kumpless tal-atti u l-provi proċesswali, li l-konvenut ma ppubblikax dawn l-allegazzjonijiet dwar martu fuq pjattaforma tal-midja soċjali b'mod diliġenti għaliex il-ħsara lir-reputazzjoni tal-attriċi hija inġenti minkejja r-rabta li jittenta jagħmel il-konvenut mal-kwistjoni tal-korruzzjoni tal-istutuzzjonijiet pubbliċi.

[25] Fol. 35.

Biss il-Qorti tinsab perplessa kif ma jidhrix li l-konvenut irrejalizza li bil-pubblikazzjoni ta' dawn l-allegazzjonijiet malafamanti, inevitabbilment espona mhux biss lil martu iżda wkoll lil uliedu, li wkoll huma identifikabbli mill-pubblikazzjoni, għall-istmerrija tal-pubbliku. Fil-fatt l-attriċi fix-xhieda tagħha kkonfermat li t-tifel minuri tagħhom sar jaf bil-*post* tal-konvenut fuq Facebook.

Ikkunsidrat;

Illi kif gia` stabbilit, l-imputazzjonijiet libellużi li saru fil-konfront tal-attriċi fihom propensita' qawwija li jikkaġunaw ħsara serja lir-reputazzjoni tagħha. Għall-finijiet tal-likwidazzjoni tad-danni skont l-Artikolu 11 tal-Att, il-Qorti wara li ħadet in konsiderazzjoni is-serjeta` tal-imputazzjonijiet l-ħsara li l-istess imputazzjonijiet huma kapaċi li jirrekaw lir-reputazzjoni tal-attriċi, u wara li qieset ukoll il-fatt illi l-konvenut ma għamel u ma offra l-ebda apoloġija lill-attriċi u l-fatt illi l-imputazzjonijiet ġew ippubblikati fuq pjattaforma tal-midja soċjali li hija direttament aċċessibbli minn ftit inqas minn erbat elef ruħ[26] iżda aċċessibbli f'kull każ minn numru indefinit ta' qarrejja, u dan b'mod intenzjonat, tqis illi ghandha tillikwida s-somma ta' elf u ħames mitt euro (€1,500) in linea ta' danni morali.

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi li filwaqt illi tilqa' l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet tal-konvenut iżda tiċħad il-bqija tal-eċċezzjonijiet fir-Risposta tiegħu safejn m'humiex kompatibbli ma' dak hawn deċiż, tilqa' t-talbiet tal-attrici limitatament billi tiddikjara illi l-pubblikazzjoni tal-konvenut fuq il-Facebook timeline ta' Andrew Borg Cardona fit-23 ta' Settembru 2019 (Dok. SB3), hija malafamanti fil-konfront tal-attrici a tenur tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama u billi tikkundanna lill-konvenut TRAVIS LEIGH BRANNON iħallas lill-attriċi SYLVANA BRANNON danni morali fis-somma ta' elf u ħames mitt Euro (€1,500).**

[26] Ara Dok. SB1, fol.3.

**L-ispejjez jitħallsu mill-konvenut.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**

**MAĠISTRAT.**